MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2008

Appell Kriminali Numru. 331/2007

**Il-Pulizija
(Spt. R. Aquilina)
Vs**

**Kevin Mark Vincent Grech**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fl-10 ta’ Mejju, 2007 u fil-gimghat ta’ qabel din id-data, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b’rizoluzzjoni wahda,
1. kiser digriet moghti mill-Onor. Imhallef Dr. Noel Cuschieri LL.D (digriet 1051/06 billi naqas li jaghti access ta’ bintu Karin lil martu Jacqueline Grech, u rrifjuta li jaghmel dan minghajr ebda raguni xierqa.

2. b’mod li ta fastidju lil persuna ohra cioe’ l-mara tieghu Jacqueline Grech u li kien jaf jew ikun jaf li dan ikun ta’ fastidju ghal dik il-persuna.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-24 ta’ Settembru, 2007, li biha, wara li rat l-artikoli 338(ii), 18, 251(A)(1) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta, ma sabitx lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni w illiberatu minnha, pero’ sabitu hati tat-tieni imputazzjoni hekk kif dedotta kontrih izda lliberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar, ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-ligijiet ta’ Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-3 t’Ottubru, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellate billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux hati tal-ewwel imputazzjoni w minnha lliberatu, izda thassaraha w tirrevokaha fejn sabitu hati tat-tieni imputazzjoni w minflok tiddikjarah mhux hati taghha w minnha tilliberah skond il-ligi; u minghajr pregudizzju w f’kaz li dan l-appell ma jintlaqax, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tas-sanzjoni billi minflok tigi mposta sanzjoni aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- 1. li dak li ried jolqot il-legislatur permezz tal-artikolu 251A (1) tal-Kap. 9 zgur li mhuwiex dak li skond Jacqueline Grech gie allegat li sehh skond il-komparixxi. L-appellant jichad li ghajjat jew gholla lehnu ma martu fil-prezenza ta' bintu. Anki jekk stess*, dato ma non concesso*, ghajjat, dan ma jinkwadrax legalment fit-terminu tal-artikolu imsemmi. Wisq anqas jinkwadra ruhu bhala fatt il-mod legittimu w civilizzat kif l-appellant informa lill-martu bis-*schedule* tax-xoghol tieghu w kif din tirregola kif kellu jiehu lil bintu. Ghalhekk it-tieni imputazzjoni ma kienetx sostenibbli. 2. Inoltre w bla

pregudizzju hu hassu aggravat bis-sanzjoni imposta mill-Ewwel Qorti.

Semghet ix-xhieda mil-gdid waqt l-udjenza tal-14 ta' Dicembru, 2008;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat li l-Prosekuzzjoni moghtija zmien sas-26 ta' Dicembru, 2007 biex tipprezenta nota fejn tindika xi gurisprudenza rilevanti ghall-kaz fuq *"harrassment*", baqghet ma ghamlitx dan;

Ikkonsidrat;

Illi x-xhieda li ddeponew quddiem din il-qorti jistghu jigu riassunti kif gej:-

**DR. MARK SCHEMBRI WISMAYER** xehed li kienet giet it-tifla Karen ma ommha l-clinic tieghu w ommha allegat li t-tifla kienet qed ixxarrab il-qalziet ta' taht meta tkun qed tkellem lill-missierha fuq it-telephone mid-dar t' ommha w fil-car meta titlaq mid-dar ta' missierha biex tiltaqa' ma ommha. Hu kien irrakkomanda li t-tifla kellha tmur ghand *child psychologist* ghax kellha problemi psikologici minnhabba s-separazzjoni ta' ommha w missierha. Jaf li l-omm u t-tifla kienu marru go *home* fil-periodu tal-Milied tas-sena li ghaddiet. It-tifla s' issa ma nghatatx ghajnuna psikologika w tinsab qiesha *ping-pong* bejn ommha w missierha. Meta kien staqsa lit-tifla ghala kienet qed taghmel pipi fl-qalziet kienet qaltlu: *"I don't know."*

**DR. EDWARD CURMI** xehed li hu tabib *clinical psychologist* u li ilu jikkonsulta lil Mrs. Grech ghal dawn l-ahhar tlitt snin u jaf li din qed tbaghti minnhabba s-separazzjoni minn ma zewgha l-appellant. Ihoss li hemm xi *power struggle* bejn il-konjugi Grech u t-tifla qed tbaghti fl-ahhar mill-ahhar. Hu mhux psikoloigu tat-tfal u lit-tifla qatt ma raha.

**AMANDA CORDINA** xehdet bl-Ingliz li hi *social worker* mall-Agenzija Appogg u tassisti lil Jacqueline Grech li

marret ghall-assistenza f' Settembru, 2006. Kienet qed tallega vjolenza domestika da parti tal-appellant. Din kienet *"emotionally, financially and psychologically."* F' Ottubru 2006, dahlet go *shelter* ghall-protezzjoni ma bintha Karen  u harget mis-*shelter* f' Jannar, 2007. Mistoqsija jekk tafx b' xi kwistjoni bejn il-konjugi Grech fil-periodu ta' Mejju, 2007, wiegbet li hemm kwistjonijiet bejnithom *"on going*" rigward l-access ghall-binthom, kulljum.

**JACQUELINE GRECH**, mart l-appellant, xehdet bl-Ingliz li fl-10 ta' Mejju, 2007, kienet ghamlet rapport. Kienet ipprovat tissepara minn zewgha w, biex tiskansa minn *emotional abuse* fuqha bl-uzu ta' binthom, kienet dahlet go *shelter* fejn damet sittax il-gimgha. Meta hi u bintha hargu mis-shelter, inghata Digriet mill-Qorti fejn qed issir is-separazzjoni li kien jghid li t-tifla ser tara lill-missierha daqsha, *"fifty-fifty arrangement"*, li hi taqbel mieghu. Il-problema pero' kienet li ma kienx hemm hinijiet fissi ghall-access f' dan id-Digriet. L-appellant jahdem bhala Pilot ma l-Air Malta w hi tahdem fit-Turizmu. Ghal hames xhur, l-appellant li hu *very obsessive*, kien jaghmel *schedule*, jibghathiela b' ittra registrata w meta hi tirceviha, hu jsegwiha "*to the full".* Ma kienx hemm "*stability"* ghal bintha u din saret *ping pong* sejra mid-dar taghha ghad-dar tal-appellant . Jekk hi tigbor it-tifla w hu ma jaqbilx, jigi hdejn il-car taghha, jibda jwerzaq u jiftah il-bieb tal-car quddiem it-tifla. Fis-17 t' April, 2006, kienet kitbitlu ittra bl-avukat biex tipprova tohloq *stability* fil-hin tal-access. Hu jinjora kompletament il-proposti li hi taghmel. Hu jimponi fuqha b' mod enmozzjonali u psikologiku, biex tghaddi tieghu w ilha taht dil-pressjoni sena u nofs erba w ghoxrin siegha kulljum. Umbaghad xehdet li ma tridx taccetta dis-sitwazzjoni aktar.

Mistoqsija mill-Qorti biex tkun aktar preciza dwar xi incident li inqala fil-15 ta' Mejju, 2007, jew ftit qabel, wiegbet li ma kienx hemm xi incident partikolari. Kien hemm l-incident fejn kien mar fejn kil-car taghha, werzaq u pprova jitterrorizaha w fl-10 ta' Mejju, iddecidiet li taghmel rapport. Issa id-Digriet tal-Qorti gie varjat pero' xorta ghadhom jinqalghu il-problemi dwar l-

interpretazzjoni tieghu. Zewgha jaghtiha il-*flght schedules* tieghu .

Meta l-Qorti spjegat lix-xhud li l-kawza kienet fuq fastidju "*harrassment"* u tatha diversi ezempji ta' f' hiex dan jikkonsisti, x-xhud wiegbet li kienu qalulha li ser jigbru l-incidenti kollha f' kawza wahda il-Pulizija. L-ezempju li tat hu li ma jgibx it-tifla lura fil-hin u qed juza lil bintha. Hi Dutch, ilha Malta 18 il-sena w ilha mizzewga seba snin.

**L-APPELLANT** xehed li hu Kaptan mall-linja tal-ajru AirMalta. Fl-10 ta' Mejju, 2006, l-access li kien bejn wiehed u iehor kif inhu llum. Kienet gurnata ta' fost il-gimgha. Hu jmur ghat-tifla darbtejn fil-gimgha b' mod flessibbli skond meta ma jkunx xoghol. Martu tahdem bhala courier fl-ivvjaggar.  Kien inghata Digriet mill-Qorti fit-23 ta' Jannar, 2007, wara li hu kien gie mcahhad mill-access ghal tlitt xhur shah.meta martu marret fis-s*helter*. Hu kien jaghzel il-granet meta ma jkunx xoghol ghall-access ghat-tifla. Martu tfiet l-e-mail taghha biex ma jkunx jista' jatiha d-dati tal-access.

Ghal xi zmien kien jibghathilha d-dati tramite l-Avukati rispettivi taghhom u dan kien jiehu xi jumejn. Kien jibghat kopja ukoll b' ittra registrata. Meta pprova jaghtiha l-avviz bl-idejn irmietu w qattatu. Hemm bzonn li jkun hemm hinijiijet specifci ghall-access u li jkollhom *monitoring* ghal sitt xhur. Issa qed jaghtiha l-ewwel jumejn li jkollu *off duty* kif kien jaghmel qabel imma issa dan ufficjali skond id-Digriet. Jatiha il-*flight schedule* kull himstax il-gurnata. Imma s-sitwazzjoni xorta ma tjibietx ghax hemm hafna mibeghda da parti ta' martu kontra tieghu. L-unika darba li jiktbilha hu biex jibghatilha l-*flight schedule* fl-ahhar tax-xahar. Tlitt ijiem qabel jatuhielu l-*flight schedule.*

Xehed li fl-10 ta' Mejju, 2007, gabar lil bintu Karen mill-iskola fis-1.45pm minn tas-Sliema. Marru d-dar. Ghamlu l-*homework* u ommha gabritha mid-dar tieghu fil-5pm. kif kienet taf b' ittra u ma kienx hemm problema. Dak in-nhar hu kellu flight fi-8.00pm minn Malta ghal Casablanca w Catrania w lura ghal Malta. Hu raqad saghtejn wara li telqet it-tifla w mar ghax-xoghol. Meta kien Catania rceva

telefonata qabel wasal lura Malta f' xil-8am. - 8.30am. mil-Pulizija tan-Naxxar fejn qalulu biex imur ikellimhom. Meta gie lura Malta mar ikellimhom. Fl-10 ta' Mejju, ma inqala ebda incident bejnu w bejn martu.

Ikkonsidrat;

Illi l-kontestazzjoni f' dan l-istadju tirrigwarda biss it-tieni imputazzjoni ta' "harrassment" bazata fuq l-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali ghax l-Ewwel Qorti illiberat lill-appellant mill-ewwel imputazzjoni.

Illi dar-reat  huwa dak tal-“fastidju” (fit-test Ingliz *“harassment*”) introdott ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX  tas-sena 2005 u inkorporat fl-artikoli 251A, 251B, 215C u 215D tal-Kodici Kriminali.

L-artikolu 215A johloq ir-reat ta’ persuna li ggib ruha b’ mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b’ mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta’ fastidju ghal dik il-persuna. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b’ mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta’ persuna ohra jekk fil-qies ta’ persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3) ( c )  il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b’ reat taht dan l-artikolu tista’ ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli.  Fl-artikolu 251 C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta’ fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata’ (“*alarming”)* jew idejjaq (“*causing ..distress”)* lill-persuna.

Ikkonsidrat;

Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta’ fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata’ jew idejjaq lill-persuna. *(“alarming the person or causing the person distress”* fit-test Ingliz) il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku  fastidju jew ”*harassment”.* Issa fil-waqt li n-nuqqas ta’ definizzjoni specifika w dettaljata tar-

reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati. (ara. App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Paul Attard"** [27.9.2007])

Ikkonsidrat;

Illi mill-fatti tal-kaz kif fuq riassunti din il-Qorti tara li jirrizultaw serje ta' incidenti fejn l-appellant u martu ma qablux fuq il-granet, il-hinijiet u l-modalitajiet tal-access ghall-binthom minuri w dan ghaliex huma it-tnejn jahdmu w partikolarment l-appellant ikollu hinijiet mhux fissi ta' f*lights* bhala Pilota. Jidher li hemm pika kbira miz-zewg nahat u x' aktarx ukoll odju reciproku li ma jiffacilitax id-djalogu w l-komunikazzjoni bejnithom anki fuq semplici hin ta' access. Pero' din is-sitwazzjoni xejn ma hija partikolari ghall-konjugi Grech u il-Qrati jiltaqghu maghha regolarment u ta' sikwiet f' hafna mill-kazijiet ta' separazzjoni fejn il-partijiet ma jisseparawx bonarjament izda jidhlu l-Qorti kontra xulxin kif inhu dal-kaz.

Ma jirizultax li gara xi incident partikolari fl-10 ta' Mejju, 2007. Jidher anzi li l-konsenja tat-tifla minn id il-missier ghall-id l-omm dak in-nhar ghaddiet bla incidenti. Di fatti l-istess Jacquline Grech, pressata ripetutament mill-Qorti biex tghid x' gara ezatt f' dik id-data, qalet li dik kienet il-gurnata meta ghamlet ir-rapport imma mhux ghax gara xi haga partikolari, pero' peress li kien hemm incidenti qabel, u ma felhetx aktar, gabet is-sitwazzjini a konjizzjoni tal-Pulizija dak in-nhar.

Imma jekk stess fil-granet jew gimghat ta' qabel, (ukoll koperti fl-akkuza) kien hemm xi piki jew insistenza zejda da parti tal-appellant dwar hinijiet u dati ta' access u xi incident izolat fejn, kif xehdet martu, ghajjat maghha w fethilha l-bieba tal-karozza, dan, se mai kien jammonta ghal reat kontravvenzjonali ta' min jikser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku (art. 338 (dd) ) jew dak ta' min ihebb kontra persuna sabiex idejjaqha (Art. 339(d))

w mhux ghar-reat delittwuz dedott kontra l-appellant fit-tieni imputazzjoni.

Inoltre ghalkemm dawn l-ahhar zewg reati jistghu talvolta jkunu komprizi w involuti fir-reat dedott ma jirrizultax meta graw u cioe' jekk hux entro il-periodu preskrittiv ta' tlitt xhur applikabbli ghall-kontravvenzjonijiet.

Ghalhekk f' dan il-kaz ma jirrizultawx l-estremi tar-reat ta' fastidju dedott fit-tieni imputazzjoni w lanqas ma tista' tinstab htija ta' xi kontravvenzjoni li tista' talvolta tkun kompriza w involuta fl-istess reat ta' fastidju.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ma sabitx lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni w minnha lliberatu w tirrevokaha fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni w fejn illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar ai termini tal-art. 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta w minnflok ma ssibux hati ta' din l-imputazzjoni w tilliberah minn kull imputazzjoni, w provvediment taht l-art. 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------